VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,262, 3 ta' Ġunju, 2014
Taqsima B

A.L. 194 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Validazzjoni ta' Tagħlim Mhux Formali u Informali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 135(u) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Validazzjoni ta' Tagħlim Mhux Formali u Informali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Validazzjoni ta' Tagħlim Mhux Formali u Informali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 327.432

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-proviso għas-subregolament (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "f'livell ogħla minn Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki" għandhom jidħlu l-kliem "f'livell ogħla minn Livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki".